# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hmistax (15) ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru 46/13 FDP**

**Dr Paul Borg Olivier**
**(ID 337169M)**

**vs**

**Josef Caruana**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-14 ta' Frar 2013 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti, prevja dikjarazzjoni illi l-kontenut tal-artikolu ppubblikat fil-harga tal-Orizzont ta' dakinhar stess, ossija 14 ta' Frar 2013, ta' liema harga l-intimat kien l-editur, bl-isem ta' "**Bejn Fatti u Interpretar**", kien libelluz u malafmanti u kellu, bhala skop, dak li jnaqqas jew itellef ir-reputazzjoni tar-rikorrent, tikkundanna lill-istess intimat thallsu dani a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna esebit mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fis 17 ta' Mejju 2013 fejn, ghal dak laqa' ghal dak mitlub billi eccepixxa li "*fil-kitba inkwistjoni m'hemmx ingurja imma biss kummenti u fehmiet fuq fatti li dwarhom il-qarrej hu hieles li jifforma l-opinjoni tieghu, jista jaqbel jew ma jaqbilx, jaqbel il-parte jew ma jaqbel xejn, kif mistenni f'socjeta hielsa*".

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Dr Paul Borg Olivier** moghtija fl-4 ta' Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Carmelo Abela**, Direttur tad-Dipartimenti tal-Gvern, moghtija fit 12 ta' Mejju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija "*Lista ta' Skemi ta' Gbir ta' Skart Separat*" illi kellhom il-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Ghawdex fil-5 ta' Mejju 2014 (fol 23).

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Joanna Gonzi**, Sindku tal-Kunsill Lokali Sliema, moghtija fis 27 ta' Gunju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita, ossija il-minuti tat-tlettax-il seduta tal-Kunsill Lokali ta' Sliema li nzammet fl-20 ta' Jannar 2010. (fol 29)

Rat illi fis 27 ta' Gunju 2014 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Debrincat**, Segretarju tal-'*Approving Body Eco Contributions Board*' stabbiliti a tenur tal-Avviz Legali 84/2010 moghtija fit-12 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Kevin Mercieca**, Unit Manager fi hdan il-MEPA, moghtija fil-11 ta' Gunju 2015 u fit-12 ta' Ottubru 2015.

Rat l-affidavit ta' l-intimat **Josef Caruana** ippresentat fit-12 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija varji artikoli li dehru fuq fil-pubbliku fix-xhur u snin ta' qabel in konnessjoni mal-meritu tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta' **Nicholas Dimech**, li kien Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sliema fl-20 ta' Jannar 2010, liema xhieda inghatat fil-21 ta' Jannar 2016 in ezami u kontro ezami.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Nicholas Dimech**, moghtija fis 17 ta' Marzu 2016, fejn xehed in ezami u kontro ezami u esebixxa serje ta' dokumentazzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-Gbir ta' Skart tal-Kunsill Lokali ta' Sliema.

Semghet ix-xhieda ta' **Sandra Camilleri**, li kienet kunsilliera tal-Kunsill Lokali Sliema meta gie ffirmat il-kuntratt ta' Gbir Ta' Skart, liema xhieda inghatat fl-20 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in kontro ezami ta' **Nicholas Dimech**, moghtija fit 28 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' Josef Caruana moghtija fl-20 ta' Frar 2017 fejn esebixxa filmat li jidher fuq is-sit youtube dwar laqgha li saret bejn ir-rikorrent u Sandra Camilleri gewwa hanut li jismu Lady Di.

Rat illi fit 19 ta' Gunju 2017 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppresentati fis 26 ta' Ottubru 2017.

Rat is-sottomissjonijet ta' l-intimat ippresentati fl-4 ta' Dicembru 2017.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi meta nkiteb l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ir-rikorrent kien is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista illi dak iz-zmien kien qieghed imexxi l-Gvern tal-gurnata.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti, illi fl-10 ta' Marzu 2013, ossija ftit gimghat wara il-pubblikazzjoni tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, kien hemm l-Elezzjoni Generali.

Jirrizulta fir-rikors promotur tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu, illi r-rikorrent indika li mill-artikolu intitolat '**Bejn Fatti U Interpretar**' ippubblikat fil-faccata tal-harga tal-14 ta' Frar 2013 tal-gurnal l-Orizzont, kien hemm silta illi huwa hassu malafamat biha, li kienet tghid is-segwenti:

> *"Waqt li f'dawn il-jiem tal-kampanja elettorali l-Partit Nazzjonalista qed jipprova jiehu vantagg billi jpingi dellijiet ta' korruzzjoni jew influwenzi politici fuq awtoritajiet, bhalma hu l-Korp tal-Pulizija, anke bl-interpretazzjonijiet kif jaqbillu ta' konverzazzjonijiet irrekordjati li gew f'idejh, fil-verita' jeziztu kazi ta' korruzzjoni jew attentat ta' korruzzjoni li twettqu minn esponenti principali tieghu, inkluz is-Segretarju Generali Pawlu Borg Olivier."*

Jirrizulta illi l-isfond tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna kienet intervista ma' persuna mhux identifikata izda indikata fl-artkolu bhala "*Persuna, li sa ftit ilu kienet qrib hafna tad-Dar Centrali f'Tal-Pieta'*" li kien qieghed jilmenta ma' l-artikolist dwar is-suggett ta' korruzzjoni illi kien qed jissemma u jitqajjem waqt il-kampanja elettorali ta' dak iz-zmien u dwar il-fatt illi "*la l-PN u wisq inqas Pawlu jistghu jifthu halqhom f'dan ir-rigward*"

Jirrizulta illi fl-artikolu jissemmew allegazzjonijet, li kienu saru fil-Qorti f'proceduri ta' libel, illi r-rikorrent kien nieda kontra l-gurnal MaltaToday, minn Nicholas Dimech, li kien ghamel zmien Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Sliema, fejn l-istess Dimech kien xehed u qal illi r-rikorrent fl-20 ta' Jannar 2010, meta l-Kunsill kien ser jiltaqa biex jiddiskutu u jiddeciedi dwar l-ghoti ta' tender ghall-gbir tas-skart riciklabbli, kien cempillu sabiex jghidlu biex il-Kunsill Lokali ta' Sliema jiffavorixxi it-tender moghti mill-GreenMT, li hija kumpannija tal-GRTU li dak iz-zmien kienet immexxija minn Vince Farrugia, li kien anke kandidat tal-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta illi tali allegazzjonijiet gew rappurtati fuq il-mezzi tax-xandir meta ntqalu minn Nicholas Dimech, kif jidher fl-artikolu intitolat '*Dimech testimony indicts Paul Borg Olivier*' li dehret fuq is-sit elettroniku www.maltastar.com fid-29 ta' Ottubru 2012. (fol 74)

Jirrizulta illi l-istess Nicholas Dimech xehed quddiem dina l-Qorti fil-kawza odjerna u qal is-segwenti (fol 96):

> ***Xhud :***
>
> *Kont sindku. Issa dak kellna tas-Sliema bhal Kunsilli ohrajn kellha bzonn tidhol fl-iskema ta' recyclable waste jigifieri skart ricekabbli. Issa ma kienx hemm tender, kien hemm an expression for interest. Issa dak iz-zmien kull ma kien hemm zewg kumpaniji, nahseb li anke sal-lum - GreenPak u Green MT. Issa li gara kien jiena kull ma kont ili fil-kariga sitt xhur minn July 2009. Niftakar, u nista' nurikom bazikament jiena mill-mobile tieghi mit-telefonati tieghi li qatt ma cempilt lis-Sur Borg Olivier imma cempilli hu f' xi around quarter to .. half five – quarter to six qabel ma tibda l-laqgha tal-Kunsill; cempilli u qalli dan il-kliem, qalli "inti dak il-kuntratt taf lil min ghandek ittiegh." Ghedtlu "le". Qalli "il-vici sindku ser tghidlek." U ghedtlu "mhux qed nifhmek." U qalli ..*
>
> ***Il-Qorti :***
>
> *U dana meta kien bhala gurnata?*
>
> ***Xhud :***
>
> *It-20th July 2010 at half five – quarter to six. Imbaghad qalli "u lil dawk tal-hodor". Ghedtlu "it-tnejn li huma hodor." Qalli "mela tieh lil dak li hareg maghna." Ghedtlu*

> *"ghal Vince Farrugia?" Qalli "iva", qalli "ghal Green MT; qalli "ok? Ok?" Ghedtlu "all right."*
>
> *Biex nghidlek ukoll Joanna Gonzi l-vici sindku giet fuqi u qaltli "isma' il-Kunsilliera taghna (jigifieri tan-Nazzjonalisti) kellimthom."*

Jirrizulta illi, in kontro ezami, ghalkemm lill Nicholas Dimech kien qieghed jigi suggerit illi t-telefonata li kienet saret kien in konnessjoni ta' mozzjoni ghal tkeccija tas-Segrtetarju Ezekuttiv Josef Grech illi kienet ser titressaq dak iz-zmien, l-istess Nicholas Dimech jghid:

> *"Le, ghandhekk zball totalment"*

Jirrizulta illi fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent Dr Paul Borg Olivier, filwaqt illi dwar l-allegazzjonjiet li saru fil-konfront tieghu jghid (fol 12-14)

> *"... jiena nichad kategorikament dak li qed jigi allegat bhala fatt",*

huwa jistqarr dan li gej dwar Nicholas Dimech:

> *Jien ghandi nghid illi l-kliem li uza Nicky Dimech jiena nikkontendi illi huwa qalhom peress illi jiena kont hadt passi dixxiplinari kontra tieghu in vista tal-korruzzjoni.*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti thoss illi ghandha taghmel is-segwenti riflessjonjiet legali qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz kif fuq gia indikat.

Kif intqal fil-kawza **'Axel Springer AG vs Germany'**, deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2012:-

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Kif intqal fis-sentenza **Ligens vs Austria**, mhaddna mill-Qorti Maltin ukoll:-

> *Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree*

*of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Finalment, kif qalet dina l-Qorti kif ppresjeduta fil-kawza **Norman Lowell vs Saviour Balzan et** deciza fil 5 ta’ Ottubru 2015

*Jirrizulta ampjament ippruvat illi r-rikorrent huwa persuna politika u ghalhekk, skond gurisprudenza ben stabbilita, huwa soggett ghall-livell ta' kritika ampja jekk mhux anke provokattiva, peress illi, ladarba persuna taghzel li taghti servizz fil-hajja pubblika bhala politiku, huwa ghandu jkun lest illi jigi kritikat ghall-kummenti u veduti tieghu, liema kritika tista tkun anke harxa, peress illi huwa essenzjali ghall-pajiz demokratiku bhalma hija dik Maltija illi jigi assikurat li mhux biss kullhadd ghandu d-dritt ta' liberta ta' espressjoni, izda, aktar u aktar, illi kullhadd ikollu wkoll id-dritt illi jigi mgharraf dwar kull informazzjoni u fatt li tista b'xi mod, tolqot il-kredibilita' ta' persuna politika.*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qed ihossu malafamat ghal fatt illi l-artikolist, fl-artikolu tieghu fejn jikkwota dak illi qallu persuna misterjuza li kienet qabel ben involuta fil-Partit Nazzjonalista, illi tieghu dak iz-zmien ir-rikorrent kien is-Segretarju Generali, jghid illi “*jesistu kazi ta’ korruzzjoni jew attentat ta’ korruzzjoni li twettqu*” mir-rikorrent.

Jirrizulta, mill-qari tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, illi tali assersjoni kienet qed issir abbazi ta’ dak illi qal lill artikolist il-persuna misterjuza, liema persuna imbghad kienet qed tibbaza ruhha fuq dak illi kien gie irrappurtat fuq il-mezzi tax-xandir li kien intqal minn Nicholas Dimech fil-konfront tar-rikorrent u li kien intqal fi proceduri ta’ libel li l-istess rikorrenti kien intavola kontra l-gazzetta Maltatoday.

Jirrizulta illi tali allegazzjoni giet ripetuta quddiem dina l-Qorti mill-istess Nicholas Dimech meta ttella bhala xhud, fejn huwa insista illi qabel ma bdiet il-laqgha tal-Kunsill Lokali ta’ Sliema fl-20 ta’ Jannar 2010, fejn kien ser jigi diskuss u deciz l-ghotja tal-kuntratt ta’ gbir ta’ skart riciklabbli, ir-rikorrent kien cempillu u qallu illi l-kuntratt kellu jinghata lill-kumpannija Green MT, li kienet il-kumpannija tal-GRTU li kienet, dak iz-zmien, immexxija minn Vince Farrugia, li kien ukoll kandidat tal-Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta illi, mill-banda l-ohra, ir-rikorrent jichad illi cempel lill Nicky Dimech dwar il-kuntratt fuq imsemmi filwaqt illi jaghti x’jifhem illi attwalment kienet saret telefonata dakinhar kif jistqarr Dimech, izda tali telefonata kienet in relazzjoni ma’ kwistjoni illi kienet inqalghet mas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, certa Josef Grech, u mozzjoni ghat-tkexxija tieghu illi kienet ser titressaq.

Jirrizulta illi l-artikolist, apparti milli jistrieh fuq dak illi qallu s-sors li baqa’ qatt ma tressaq quddiem dina l-Qorti, kif ghandu kull dritt jaghmel l-intimat, strieh ukoll fuq il-fatt illi tali allegazzjonijiet kienu gia saru pubblici ferm qabel u kienu gia gew rappurtati fuq il-mezzi tax-xandir.

Jirrizulta, illi ghalkemm ma ngiebet ebda prova illi attwalment ir-rikorrent kien involut f’xi korruzzjoni jew attentat ta’ korruzzjoni, ghajr ghax-xhieda ta’ Nicky Dimech, l-artikolist kien

qieghed jikkummenta dwar fatt illi kien gia fid-dominju pubbliku u li, ghalhekk, seta jikkummenta dwarha liberament, aktar u aktar meta l-persuna illi dwarha kien qed isir il-kumment, ossija ir-rikorrent, kien persuna involuta fil-qasam politika, u ghalhekk soggetta ghall-livell ta' kritika ferm oghla u skrutinju konsiderevoli.

Jirrizulta illi l-allegazzjonijiet kienu saru minn Nicky Dimech, liema allegazzjonijiet l-istess Dimech baqa' jinsisti fuqhom meta xehed quddiem dina l-Qorti u esebixxa dokumentazzjoni in sostenn tal-argumentazzjoni tieghu, ghalkemm ir-rikorrent jishaq li huwa kien qieghed jghid tali kliem bi tpattija ghal fatt illi r-rikorrent kien kecca lill Dimech mill-Kunsill Lokali ta' Sliema.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm l-allegazzjoni illi ghamel l-artikolist fil-konfront tar-rikorrent kienu serji, u ghalkemm l-artikolist ma kienx f'pusizzjoni illi jipprova illi attwalment kien hemm kaz ta' korruzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, xorta wahda l-artikolist kellu kull dritt illi jaghmel referenza ghall-tali allegazzjonijiet li kienu saru pubblikament fil-konfront tar-rikorrent, peress illi korruzzjoni hija kwistjoni illi ghandha titqies bhala ta' interess pubbliku w il-fatt li tali allegazzjonijet intqalu minn persuna pubblika, bhalma kien Nicky Dimech, fil-konfront ta' persuna pubblika ohra, bhalma kien ir-rikorrent Dr Paul Borg Olivier dak iz-zmien, ghandhom ikunu sufficjenti sabiex jintqalu u jigu kkummentati fuqhom minghajr il-biza li min jitkellem dwarhom ser jinstab responsabbli ta' malafama jew ingurja.

Socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija ghandha tippermetti illi allegazzjonjiet ta' korruzzjoni jigu diskussi u dibattuti b'mod liberu u ampju u xejn ma ghandu jxekkel id-dritt lill gurnalisti w, aktar u aktar, lic-cittadin komuni, illi jirrappurtaw u jikkummentaw dwar kazijiet ta' korruzzjoni jew ta' allegat korruzjoni, ghax fil-mument illi jsir dan, ikun qieghed jinghata messagg lill min ikun involut f'tali azzjonijiet ta' korruzzjoni li l-Ligi w il-Qrati jistghu jintuzaw sabiex irazznu l-glieda kontra l-korruzzjoni, fatt illi certament ma huwiex denju ghal pajjiz demokratiku bhalma hija dik ta' Malta, fejn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem ghandhom jiffurmaw is-sisien tas-socjeta taghna.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha, u

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur